

I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1549/2006

ta' 17 Ottubru 2006

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 9 u 12 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija, minn issa 'l quddiem imsejħa "In-Nomenklatura Magħquda", biex jissodisfa, fl-istess waqt, ir-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistiċi tal-kummerċ estern tal-Komunità u politika oħra Komunitarja li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkanzija.
- (2) Fl-interess tas-simplifikazzjoni leġiżlattiva, huwa xieraq li n-Nomenklatura Magħquda tiġi mmodernizzata u li l-istruttura tagħha għandha tiġi adattata.
- (3) Hu neċċessarju li tkun emendata n-Nomenklatura Magħquda biex tikkunsidra dan li ġej: it-tibdil fir-rekwiżiti relatati ma' l-istatistiċi u l-politika kummerċjali, sabiex ikunu mwettqa

l-impenji internazzjonali, l-iżviluppi kummerċjali jew teknoloġiċi, il-ħtieġa għall-allinjament jew kjarifika tat-testi kif ukoll il-bidliet fis-sistema armonizzata tan-nomenklatura skond ir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2004 tal-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali u l-konsegwenzi ta' dan;

- (4) Skond l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, l-Anness I għandu jiġi sostitwit, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, permezz ta' verżjoni kompluta tan-Nomenklatura Magħquda, flimkien mar-rati tad-dazju konvenzjonali u awtonomi, li jirriżultaw minn miżuri adottati mill-Kunsill jew il-Kummissjoni.
- (5) Il-miżuri pprovduti għal dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness 1 għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 hu ssostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 996/2006 ĠU L 179, 1.7.2006, p. 26).

ANNEX I

NOMENKLATURA MAGĦQUDA

SOMMARJU

L-EWWEL PARTI — DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI	Kapitolu	Paġna
<i>Taqsimha 1 — Regoli ġenerali</i>		
A. Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda	11	
B. Regoli ġenerali li jikkonċernaw dazji	12	
Ċ. Regoli applikabbli kemm għan-nomenklatura kif ukoll għad-dazji	13	
<i>Taqsimha II — Dispożizzjonijiet speċjali</i>		
A. Oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni	13	
B. Mezzi ta' l-ajru ċivili u oġġetti għall-użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili	15	
Ċ. Prodotti Farmaċewtiċi	17	
D. Rata standard ta' dazju	18	
E. Kontenituri u materjali ta' ippakkjar	19	
F. Trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura ta' l-oġġetti	19	
Sinjali, abbrevjazzjonijiet u simboli	21	
Unitajiet supplimentari	22	
IT-TIENI PARTI — SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA		
<i>Taqsimha I</i>		
Annimali ħajjin; prodotti minn annimali		
Kapitolu	Paġna	
1 Annimali ħajjin	25	
2 Laħam u ġewwieni li jittiekel	29	
3 Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn	46	
4 Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemminji jew inklużi band'oħra	61	
5 Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	75	
<i>Taqsimha II</i>		
Prodotti veġetali		
6 Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	77	
7 Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	80	
8 Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ	86	
9 Kafè, tè, matè u ħwawar	93	
10 Ċereali	96	
11 Prodotti ta' l-industrija tat-tin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ	101	
12 Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	106	
13 Gommalakka; gomom, rażi, u linef u estratti veġetali oħrajn	111	
14 Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemminji jew inklużi band'oħra	113	
<i>Taqsimha III</i>		
Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex		
15 Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex	114	
<i>Taqsimha IV</i>		
Preparazzjonijiet ta' l-ikel; xorb, spirti u hall; tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk		
16 Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn	126	
17 Zokkor u ħelu taz-zokkor	132	
18 Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw	137	
19 Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti ta' koki ta' l-għaġina	140	
20 Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti	145	
21 Preparazzjonijiet diversi tajbin għall-ikel	164	
22 Xorb, spirti u hall	168	
23 Fdal u skart mill-industrija ta' l-ikel; għalf ta' l-annimali ippreparat	178	
24 Tabakk u sostituti manifatturati ta' tabakk	183	
<i>Taqsimha 5</i>		
Prodotti minerali		
25 Melħ; kubrit; trabijiet u ħaġar; materjali tat-tikħil, ġir u siment	186	
26 Minerali (ores), gagazza u rmied	192	
27 Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali	195	
<i>Taqsimha VI</i>		
Prodotti ta' l-industrija kimika jew dawk relatati magħha		
28 Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjoattivi jew ta' isotopi	204	
29 Kimiċi organiċi	218	

Kapitolu	Paġna	Kapitolu	Paġna
30	Prodotti farmaċewtiċi	49	Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn ta' l-industrija ta' l-istampar; manuskritti, testi ttajpjati u pjanti
31	Fertilizzanti		340
32	Estratti għall-ikkunzar jew għaż-żbigħ; tannini u derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u materjal ieħor taż-żbigħ; żebgħa u verniċi; stokk u gomom oħrajn; linek		
			<i>Taqsimha XI</i>
33	Żjut essenzjali u reżinojdi; preparazzjonijiet ta' fwejjaħ, kosmetiċi jew tat-twaletta		Tessuti u oġġetti ta' tessuti
	250		
34	Sapun, aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprietajiet li jxarrbu (surface-active), preparazzjonijiet għal ħasil, preparazzjonijiet għal lubrikar, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparazzjonijiet għal lostrar jew għal għorik, xemgħat u oġġetti simili, pasta għal mudellar, xemgħat dentali (dental waxes) u preparazzjonijiet dentali b'bażi ta' ġibs	50	Ħarir
	258		347
35	Sustanzi albuminojda; lamti modifikati; kolol; enzimi	51	Suf, xagħar fin jew aħrax ta' annimali; ħjut u drapp minsuġ minn krin
	261		349
36	Splussivi; prodotti pirotekniċi; sulfarini; liġi piroforiċi; ċerti preparazzjonijiet kombustibbli	52	Qoton (tajjar)
	264		353
37	Oġġetti fotografiki jew ċinematografiki	53	Fibri oħrajn ta' tessuti veġetali; ħjut tal-karta u drappijiet minsuġin minn ħjut tal-karta
	265		360
38	Diversi prodotti kimiċi	54	Filamenti magħmulin mill-bniedem; strixxi u oġġetti simili ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem
	269		363
		55	Fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple)
			368
		56	Materjal tessili artab, feltru u materjali mhux minsuġin; ħjut speċjali; spag, ċwiemi, ħbula u kejbils u oġġetti minnhom
			375
		57	Twapet u kisi ta' l-art ieħor ta' tessuti
			379
		58	Drappijiet speċjali minsuġin; drappijiet ta' tessuti bil-bżiebeż; bizzilla; tapizzeriji; aċċessorji; rakkmu
			381
		59	Drappijiet ta' tessuti mimlijin b'sustanza oħra (impregnated), miksijin, mgħottijin jew laminati; oġġetti ta' tessuti ta' tip tajbin għal użu industrijali
			384
		60	Drappijiet maħdumin bil-labar (<i>knitted</i>) jew bil-ganċ (<i>crocheted</i>)
			388
		61	Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, maħdumin bil-labar (<i>knitted</i>) jew bil-ganċ (<i>crocheted</i>)
			391
		62	Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, mhux maħdumin bil-labar (<i>knitted</i>) jew bil-ganċ (<i>crocheted</i>)
			400
		63	Oġġetti oħrajn manifatturati ta' tessuti; settijiet; ħwejjeġ li jintlubsu u oġġetti ta' tessuti li jintlubsu; ċraret
			410
			<i>Taqsimha XII</i>
			Ilbies għar-riġlejn, ilbies għar-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten, bsaten siġġu, swat, frosti u bċejjeċ tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar uman
		64	Ilbies għar-riġlejn, ġettijiet u bħalhom; bċejjeċ ta' dawn l-oġġetti
			415
		65	Ilbies tar-ras u bċejjeċ tiegħu
			421
		66	Umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten, bsaten-siġġu, swat, frosti u bċejjeċ tagħhom
			422
		67	Rix u l-ewwel rix (down) ippreparati u oġġetti magħmulin minn rix jew mill-ewwel rix; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar uman
			423

Kapitolu	Paġna	Kapitolu	Paġna
<i>Taqsimha XIII</i>		<i>Taqsimha XVII</i>	
Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, mika jew materjali simili; prodotti ta' ċeramika; ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ		Vetturi, biċċiet ta' l-ajru, bastimenti u tagħmir tat-trasport assoċjat	
68	424	86	591
69	429	87	594
70	433	88	605
<i>Taqsimha XIV</i>		89	607
Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti tagħhom, ġojjelli artifiċjali; munita		<i>Taqsimha XVIII</i>	
71	441	Strumenti u apparat ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, ta' kejl, ta' verifika, ta' preċiżjoni, mediċi jew kirurġiċi; arloġġi u arloġġi ta' l-idejn; strumenti mużikali; bċejjeċ u aċċessorji tagħhom	
<i>Ima XV</i>		90	610
Metalli ta' valur baxx u oġġetti ta' metalli ta' valur baxx		91	626
72	448	92	630
73	469	<i>Taqsimha XIX</i>	
74	482	Armi u munizzjon; bċejjeċ u aċċessorji tagħhom	
75	488	93	632
76	491	<i>Taqsimha XX</i>	
77	496	Oġġetti manifatturati varji	
78	496	94	634
79	499	95	639
80	501	96	643
81	503	<i>Taqsimha XXI</i>	
82	506	Xogħlijiet ta' l-arti, bċejjeċ tal-kollezzjoni u antikitajiet	
83	512	97	648
<i>Taqsimha XVI</i>		98	649
Makkinarju u għodod mekkaniċi; apparat elettriku; bċejjeċ tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu l-ħoss; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu stampa u ħoss televiżivi u bċejjeċ u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti		99	649
84	516	<i>(Riservata għal użi speċjali kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità)</i>	
85	562		

TAQSIMA TLIETA — ANNESSI GĦAT-TARIFFA

Paġna

Taqsimi I — Annessi agrikoli

Paġna

Anness 1	Komponenti agrikoli (ea), dazji addizzjonali għaz-zokkor (ad s/z) u dazji addizzjonali għad-dqiq (ad f/m)	657
Anness 2	Prodotti li għalihom japplika prezz ta' dħul	675

Taqsimi II — Lista ta' sustanzi farmaċewtiċi li jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju

Anness 3	Lista ta' ismijiet mhux proprjetarji internazzjonali (inns), mogħtijin għal sustanzi farmaċewtiċi mill-organizzazzjoni dinjija tas-saħħa, li huma meħlusin mid-dazju	713
Anness 4	Lista ta' prefissi u suffissi li, flimkien ma' l-inns ta' l-anness 3, jiddeskrivu l-melħ, l-esteri jew l-idrati ta' inns; dan il-melħ, esteru u idrati huma ħielsa mid-dazju, sakemm huma klassifikabbli taħt l-istess sub-intestatura tas-sistema armonizzata (hs) b'sitt numri bħall-inn korrispondenti	809

Anness 5	Melħ, esteru u idrati ta' inns, li mhumiex ikklassifikati taħt l-istess intestatura tas-sistema armonizzata (hs) bħall-inns korrispondenti u li huma ħielsa mid-dazju	815
Anness 6	Lista ta' intermedji farmaċewtiċi wżati għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi mitmumin, li huma ħielsa mid-dazju	817

Taqsimi III — Kwoti

Anness 7	Kwoti tat-tariffa wto biex jinfetħu mill-aworitajiet kompetenti tal-komunità	837
----------	--	-----

Taqsimi IV — Trattament favorevoli tat-tariffa minħabba fin-natura ta' l-oġġetti

Anness 8	Oġġetti li mhumiex tajbin għall-konsum	865
Anness 9	Ċertifikati	871

L-EWWEL PARTI
DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

TAQSIMA 1

REGOLI ĠENERALI

A. Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda

Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titli tat-taqsimiet, kapitli u subkapitli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini tat-titli u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitlu relattiv u, sakemm dawn t-titli jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin.
2. (a) Kwalunkwe referenza f'titlu għal oġġett għandha tinkludi referenza għal dak l-oġġett mhux komplut jew mhux mitmum, sakemm, kif preżentat, l-oġġett mhux komplut jew mhux mitmum ikollu l-karattru essenzjali ta' l-oġġett komplut jew mitmum. Għandha wkoll tinkludi referenza għal dak l-oġġett komplut jew mitmum (jew li jista' jkun klassifikat b'hal komplut jew mitmum permezz ta' din ir-regola), preżentat mhux armat jew żarmat.
- (b) Kwalunkwe referenza f'titlu għal materjal jew sustanza għandha tinkludi referenza għal taħlit jew kombinazzjonijiet ta' dak il-materjal jew is-sustanza b'materjali jew sustanzi oħra. Kwalunkwe referenza għal oġġetti ta' ċertu materjal jew sustanza għandha tinkludi referenza għal oġġetti li jikkonsistu totalment jew parzjalment minn materjal jew sustanza b'hal din. Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti magħmulin minn iżjed minn materjal jew sustanza waħda għandha ssir skond il-prinċipji ta' regola 3.
3. Meta permezz ta' l-applikazzjoni tar-regola 2(b) jew kwalunkwe raġuni oħra, l-oġġetti jkunu klassifikati *prima facie* taħt titlu waħda jew iżjed, il-klassifikazzjoni għandha ssir kif ġej:
 - (a) it-titlu li jagħti l-iżjed deskrizzjoni speċifika għandha tkun preferuta għal titli li jagħtu deskrizzjoni iżjed ġenerali. Madanakollu, meta jkun hemm żewġ titli jew iżjed li kull wieħed minnhom jirreferi għal parti waħda mill-materjali jew mis-sustanzi li qegħdin f'oġġetti mħalltin jew komposti jew għal parti biss mill-oġġetti f'sett imtella' għal bejgħ bl-imnut, dawk t-titli għandhom jitqiesu ugwalment speċifiċi fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, ukoll jekk wieħed minnhom jagħti deskrizzjoni iżjed kompluta jew preċiża ta' l-oġġetti;
 - (b) taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti mtellgħin għal bejgħ bl-imnut, li ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a), għandhom ikunu klassifikati daqs li kieku kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli;
 - (c) meta oġġetti ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a) jew (b), huma għandhom ikunu klassifikati taħt t-titlu li jiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li ugwalment għandha tingħatalhom konsiderazzjoni.
4. Oġġetti li ma jistgħux ikunu klassifikati skond ir-regoli ta' hawn fuq għandhom ikunu klassifikati taħt l-intestatura xierqa għall-oġġetti li huma l-iżjed jixbhu.
5. B'hal żieda mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' oġġetti imsemmin fihom:
 - (a) kaxex ta' kameras, kaxex ta' strumenti mużikali, kaxex ta' xkubetti, kaxex ta' strumenti tat-tpiġġja, kaxex ta' ġizirajen u kontenituri simili, f'formati jew imdaħħlin apposta biex iżommu oġġett speċifiku jew sett ta' oġġetti, kif xieraq għal użu fit-tul u ppreżentati ma' l-oġġetti li għalihom huma intiżi, għandhom ikunu klassifikati ma' tali oġġetti meta jkunu ta' tip normalment mibjugħ magħhom. Din ir-regola, madanakollu, ma tapplikax għal kontenituri li jagħtu lill-oġġett intier il-karattru essenzjali tiegħu;

(b) suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regola 5(a), il-materjali u l-kontenituri ⁽¹⁾, ta' l-ippakkjar ippreżentati ma' l-oġġetti ta' ġo filhom għandhom ikunu klassifikati ma' l-oġġetti jekk huma ta' tip normalment użati fl-ippakkjar ta' oġġetti bħal dawn. Madanakollu, din id-dispożizzjoni ma torbotx meta materjali ta' ippakkjar jew kontenituri ta' ippakkjar bħal dawn ikunu jidhru biċ-ċar li huma qegħdin għal użu repetittiv.

6. Għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subtitli ta' titlu għandha tkun deċiża skond it-termini ta' dawk is-subtitli u kwalunkwe noti ta' subtitli relatati u, *mutatis mutandis* skond ir-regoli ta' hawn fuq, skond il-kondizzjoni li subtitli fl-istess livell biss huma komparabbli. Għall-għanijiet ta' din ir-regola t-taqsimha relattiva u n-noti tal-kapitlu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor.

B. Regoli ġenerali li jikkonċernaw dazji

1. Id-dazji tad-dwana applikabbli għal oġġetti importati li joriġinaw f'pajjiżi li huma Partijiet Kuntrattwali tal-Ftehim Ġenerali fuq Tariffi u Negozju (GATT) jew li magħhom il-Komunità Ewropea laqgħet ftehim li fih il-klawsola tat-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit għandhom ikunu d-dazji konvenzjonali murijin fil-kolonna 3 ta' l-iskeda tad-dazji. Sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor, dawn id-dazji konvenzjonali japplikaw għal oġġetti, għajr dawk imsemmin hawn fuq, importati minn kwalunkwe pajjiż terz.

Ir-rati ta' dazji konvenzjonali murijin fil-kolonna 3 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007.

Meta rati ta' dazji awtonomi jkunu inqas mir-rati ta' dazji konvenzjonali, id-dazji awtonomi, murijin permezz ta' nota fil-qiegħ, japplikaw.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn dazji tad-dwana awtonomi speċjali jingħataw fir-rigward ta' oġġetti li joriġinaw f'ċertu pajjiżi jew fejn dazji tad-dwana preferenzjali japplikaw skond ftehim li jkun sar.
3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jipprekludu lill-Pajjiżi Membri milli japplikaw dazji tad-dwana għajr dawk tat-Tariffa Doganali Komuni fejn l-applikazzjoni ta' dazji oħra bħal dawn tkun ġustifikata mil-liġi tal-Komunità.
4. Id-dazji mniżżlin bħala rati perċentwali huma dazji *ad valorem*.
5. Is-simbolu "EA" jindika li l-oġġetti konċernati jistgħu jkollhom taxxa ta' "komponent agrikolu" stipulat skond l-Anness 1.
6. Is-simbolu "AD S/Z" jew "AD F/M" fil-Kapitli 17 sa 19 jindika li r-rata massima ta' dazju tikkonsisti f'dazju *ad valorem* biż-żieda ta' dazju addizzjonali għal ċerti forom ta' zokkor jew dqiq. Dan id-dazju addizzjonali huwa stipulat skond id-dispożizzjonijiet ta' Anness 1.
7. Fil-Kapitlu 22, is-simbolu "€/ % vol/el" ifisser li dazju speċifiku, espress f'euro, għandu jkun kalkolat għal kull volum perċentwali ta' alkoħol għal kull ettolitru. B'hekk xarba li jkollha kontenut ta' alkoħol bil-volum ta' 40 % għandha tkun intaxxata kif ġej:

— "€ 1/ % vol/hl" = € 1 × 40, li jagħti dazju ta' € 40 għal kull ettolitru, jew

— "€ 1/ % vol/hl + € 5/hl" = € 1 × 40 biż-żieda ta' € 5, li jagħti dazju ta' € 45 għal kull ettolitru.

Fejn, minbarra dan, jidher valur minimu (MIN), per eżempju "€ 1,6/ % vol/hl MIN € 9/hl", dan ifisser li d-dazju, kalkolat fuq il-bażi tar-regola msemmija hawn fuq, għandu jkun komparat mad-dazju minimu, per eżempju "€ 9/hl", u l-oġġetti mit-tnejn għandu jiġi applikat.

⁽¹⁾ It-termini "materjali ta' ippakkjar" u "kontenituri ta' ippakkjar" ifissru kwalunkwe kontenituri esterni jew interni, *holders*, sarr jew irfid għajr armar għat-trasport (eż. kontenituri għat-trasport), tarpolini, taljoli jew tagħmir ta' trasport anċillari. It-terminu "kontenituri ta' ippakkjar" ma jkoprix il-kontenituri msemmijin fir-regola ġenerali 5(a).

Ċ. Regoli applikabbli kemm għan-nomenklatura kif ukoll għad-dazji

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet relatati ma' valur tad-dwana għandhom ikunu applikati biex ikun deċiż, minbarra l-valur għall-kalkolu ta' dazji tad-dwana *ad valorem*, il-valuri li b'referenza għalihom l-iskop ta' ċerti titli jew subtitli huwa definit.
2. Il-piż dazjabbli, fil-każ ta' oġġetti li jkunu intaxxati bil-piż, u l-piżijiet li b'referenza għalihom l-iskop ta' ċerti titli jew subtitli huwa definit, għandu jitqies li huwa:
 - (a) fil-każ ta' referenza għal piż gross, il-piż aggregat ta' l-oġġetti u tal-materjali ta' ippakkjar u l-kontenituri ta' ippakkjar kollha;
 - (b) fil-każ ta' referenza għal piż nett jew sempliċement piż mingħajr kwalifika, il-piż ta' l-oġġetti nfushom mingħajr materjali ta' ppakkjar jew kontenituri ta' ippakkjar ta' kwalunkwe tip.
3. L-ekwivalent f'munita nazzjonali għall-euro, għal Pajjiżi Membri għajr Pajjiżi Membri parteċipanti kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 ⁽¹⁾ (minn hawn ' quddiem imsejħin "Pajjiżi Membri mhux parteċipanti"), għandu jkun stabbilit skond l-Artiklu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ⁽²⁾.
4. Oġġetti eliġibbli għal trattament ta' tariffa favorevoli minħabba l-użu finali tagħhom:

fejn id-dazju ta' l-importazzjoni applikabbli taħt l-arranġamenti ta' użu finali għal oġġetti għal użu finali speċifiku ma jkunx inqas minn dak li kieku kien ikun applikabbli għall-oġġetti, l-oġġetti msemmijin għandhom ikunu klasifikati fil-kodiċi b'referenza għall-użu finali u l-Artiklu 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993) m'għandhomx japplikaw.

TAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

A. Oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni

1. Id-dazji tad-dwana għandhom ikunu sospiżi għal oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati f'vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn mniżżlin fl-iskeda li ġejja, għall-għanijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi li jitwawhlu fuq u jarmaw vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn bħal dawn.
2. Id-dazji tad-dwana għandhom ikunu sospiżi għal:

(a) oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għat-tħaffir jew produzzjoni taż-żejt:

(1) fissi, tas-subtitlu ex 8430 49 li joperaw fil-baħar territorjali ta' Pajjiżi Membri jew barra minnu, jew

(2) li jżommu f'wiċċ l-ilma jew sommerġibbli, tas-subtitlu 8905 20,

għall-għanijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi li jarmaw l-imsemmijin pjattaformi.

Dawk l-oġġetti bħal karburanti tal-mutur, lubrikanti u gass, li huma meħtieġa għall-operazzjoni ta' magni u apparat li ma jaffettwax permanentement, u li m'humiex parti integrali mill-pjattaformi u li jintużaw abbord għall-kostruzzjoni, għat-tiswija, għall-manteniment, għall-konverżjoni jew għat-tagħmir ta' dawn il-pjattaformi jitqiesu ukoll li jintużaw biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għal tħaffir jew produzzjoni taż-żejt;

(b) tubi, pajpijiet, kejbils, u l-partijiet ta' konnessjoni tagħhom, li jgħaqqdu dawn il-pjattaformi għal tħaffir jew produzzjoni ma' l-art prinċipali.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. Kif l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2169/2005 (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Regolament kif emendat b'Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill (ĠU L 17, 21.1.1997, p. 1).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8901	Vapuri ta' kruċiera, dgħajjes ta' eskursjoni, laneċ, braken u bastimenti simili għat-trasport ta' persuni jew oġġetti:
8901 10	– Vapuri ta' kruċiera, dgħajjes ta' eskursjoni u bastimenti simili prinċipalment iddisinnati għat-trasport ta' persuni; laneċ ta' kull tip:
8901 10 10	– – Li jbaħħru
8901 20	– Tankers:
8901 20 10	– – Li jbaħħru
8901 30	– Bastimenti friġġ, għajr dawk tas-subtitlu 8901 20:
8901 30 10	– – Li jbaħħru
8901 90	– Bastimenti oħrajn għat-trasport ta' oġġetti u bastimenti oħrajn għat-trasport kemm ta' persuni kif ukoll ta' oġġetti:
8901 90 10	– – Li jbaħħru
8902 00	Bastimenti għal sajd; bastimenti fabrika u bastimenti oħrajn għal proċessar jew preservar ta' prodotti tas-sajd:
	– Li jbaħħru:
8902 00 12	– – Ta' tunnellaġġ gross li jaqbeż il-250
8902 00 18	– – Ta' tunnellaġġ gross li ma jaqbix il-250
8903	Jottijiet u bastimenti oħrajn għall-passatemp jew sports; dgħajjes tal-qdif u kenuri:
	– Oħrajn:
8903 91	– – Dgħajjes tal-qluġ, b'mutur awżiljarju jew mingħajru:
8903 91 10	– – – Li jbaħħru
8903 92	– – Dgħajjes bil-mutur, minbarra dgħajjes b'mutur awtbord:
8903 92 10	– – – Li jbaħħru
8904 00	Laneċ ta' l-irmonk u "pusher craft":
8904 00 10	– Laneċ ta' l-irmonk
	– Pusher craft:
8904 00 91	– – Li jbaħħru
8905	Bastimenti ħfief, fire-floats, dgħajjes għat-tħammil, krejnijiet li jżommu f'wiċċ l-ilma, u bastimenti oħrajn li l-istat navigabbli tagħhom huwa sussidjarju għall-funzjoni prinċipali tagħhom; baċiri li jżommu f'wiċċ l-ilma; pjattaformi għal tħaffir jew għall-produzzjoni taż-żejt li jżommu f'wiċċ l-ilma jew li huma sommerġibbli:
8905 10	– Dgħajjes għat-tħammil:
8905 10 10	– – Li jbaħħru
8905 90	– Oħrajn:
8905 90 10	– – Li jbaħħru
8906	Bastimenti oħrajn, inklużi bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-salvataġġ barra minn dgħajjes bil-qdif:
8906 10 00	– Bastimenti tal-gwerra
	– Oħrajn:
8906 90 10	– – Li jbaħħru

3. Is-sospensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Komunità bil-ħsieb ta' kontroll tad-dwana ta' l-użu ta' oġġetti bħal dawn.

B. Mezzi ta' l-ajru ċivili u oġġetti għall-użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili

1. Ħelsien minn dazju tad-dwana huwa maħsub għal:

- mezzi ta' l-ajru ċivili,
- ċerti oġġetti għall-użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili u biex ikunu inkorporati fihom fil-proċess tal-manifattura, tiswija, manutenzjoni, bini mill-ġdid, modifikazzjoni jew konverżjoni,
- tagħmir fuq l-art għat-taħriġ għat-titjir u l-partijiet tagħhom, għall-użu ċivili.

Dawn l-oġġetti huma koperti mit-titli u s-subtitli elenkati fit-tabelli f'paragrafu 5.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni inċiżi, "mezzi ta' l-ajru ċivili" tfisser mezz ta' l-ajru minbarra mezz ta' l-ajru użati f'servizzi militari jew servizzi simili fil-Pajjiżi Membri li għandhom reġistrazzjoni militari jew mhux ċivili.
3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, it-tieni inċiż, l-espressjoni "għal użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili" għandha tinkludi oġġetti li jintużaw fi trainers għal titjir fil-baxx għal użu ċivili.
4. Il-ħelsien minn dazji tad-dwana għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Komunità bil-ħsieb ta' kontroll tad-dwana ta' l-użu ta' oġġetti bħal dawn (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1) u emendi sussegwenti).
5. L-oġġetti li huma eliġibbli għal dan il-ħelsien mid-dazji tad-dwana huma koperti b'dawn it-titli jew subtitli:

3917 40, 4011 30, 4012 13, 4012 20, 6812 99, 7324 10, 7326 20, 8302 10, 8302 20, 8302 42, 8302 49, 8302 60, 8407 10, 8408 90, 8409 10, 8411, 8412 10, 8412 21, 8412 29, 8412 31, 8412 39, 8412 80 80, 8412 90, 8413 19, 8413 20, 8413 30, 8413 50, 8413 60, 8413 70, 8413 81, 8413 91, 8414 10, 8414 20, 8414 30, 8414 51, 8414 59, 8414 80, 8414 90, 8415 81, 8415 82, 8415 83, 8418 10, 8418 30, 8418 40, 8418 61, 8418 69, 8419 50, 8419 81, 8421 19, 8421 21, 8421 23, 8421 29, 8421 31, 8421 39, 8424 10, 8425 11, 8425 19, 8425 31, 8425 39, 8425 42, 8425 49, 8426 99, 8428 10, 8428 20, 8428 33, 8428 39, 8428 90, 8443 32 10, 8471 41, 8471 49, 8471 50, 8471 60, 8471 70, 8479 90, 8483 10, 8483 30, 8483 40, 8483 50, 8483 60, 8483 90, 8484 10, 8484 90, 8501 32, 8501 52, 8501 61, 8501 62, 8501 63, 8502, 8504 10, 8504 31, 8504 32, 8504 33, 8504 40, 8504 50, 8507, 8511 10, 8511 20, 8511 30, 8511 40, 8511 50, 8511 80, 8517 70 11, 8517 70 15, 8517 70 19, 8518 10, 8518 21, 8518 22, 8518 29, 8518 30, 8518 40, 8518 50, 8519 81 95, 8519 89 90, 8521 10, 8526, 8528 41, 8528 51, 8528 61, 8529 10, 8531 10 95, 8531 20, 8531 80, 8539 10, 8544 30, 8801, 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, 8803 10, 8803 20, 8803 30, 8805 29, 9001 90, 9002 90, 9014 10, 9014 20, 9025, 9026, 9029 20 38, 9030 10, 9030 20, 9030 31, 9030 32, 9030 33, 9030 39, 9030 40, 9030 84, 9030 89, 9030 90, 9031 80, 9032, 9104, 9403 20, 9403 70.

Għas-subtitli li ġejjin, il-ħelsien mid-dazju tad-dwana għall-użu tal-mezzi ta' l-ajru ċivili hu mogħti biss lill-oġġetti deskritti f'kolonna 2:

Subtitlu	Deskrizzjoni
3917 21 90, 3917 22 90, 3917 23 90, 3917 29 90, 3917 31, 3917 33, 3917 39 90, 7413 00, 8307 10, 8307 90	B'tagħmir imwaħħal
4008 29	Forom profil, maqtugħin għal qies
4009 12, 4009 22, 4009 32, 4009 42	Tajbin għat-twassil ta' gassijiet jew likwidi
3926 90, 4016 10, 4016 93, 4016 99	Għall-użi tekniċi
4504 90, 4823 90	Gaskits, woxers u siġilli oħrajn
6812 80	Ħlief ħwejjeġ, aċċessorji ta' ħwejjeġ, ilbies għar-riġlejn u xedd għar-ras, karta, kartun qawwi, feltru jew materjal li jgħongji ta' fibra ta' asbestos kompressat, f'folji jew rombli
6813 20	B'bażi ta' asbestos jew sustanzi minerali oħrajn
7007 21	Windskrins, mingħajr gwarniċi
7312 10, 7312 90	B'tagħmir magħhom, jew magħmulin f'oġġetti,
7322 90	Hijters ta' l-arja u distributuri ta' arja sħuna (esklużi b'ċeġġec tagħhom)
7324 90	Oġġetti għall-kamra tal-banju (ħlief b'ċeġġec tagħhom)
7304 31, 7304 39, 7304 41, 7304 49, 7304 51, 7304 59, 7304 90, 7306 30, 7306 40, 7306 50, 7306 61, 7306 69, 7608 10, 7608 20	B'tagħmir magħhom, tajbin għat-trasmissjoni ta' gassijiet jew ta' likwidi
8108 90	Tubi u pajpijiet, b'tagħmir imwaħħal, tajbin għal trasmissjoni ta' gassijiet jew likwidi
8415 90	Ta' magni ta' arja kundizzjonata ta' subtitli 8415 81, 8415 82 jew 8415 83
8419 90	Ta' unitajiet għal trasferiment ta' sħana
8479 89	Batteriji idropnewmatiċi; azzjonisti mekkaniċi għal qtugħ ta' l-imbuttatura (<i>thrust reversers</i>); unitajiet tat-tojlit maħdumin apposta; umidifikaturi u deumidifikaturi ta' l-arja; ser-vomekkaniżmi, mhux elettriċi; muturi ta' l-istarter mhux elettriċi; starters pnevmatiċi għal ġettijiet turbo, skrejjien turbo u turbini oħrajn tal-gass; wajpers tal-windskrin, mhux elettriċi; regolaturi ta' l-iskrejjien, mhux elettriċi
8501 20, 8501 40	Bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 735 W iżda mhux aktar minn 150 kW
8501 31	Muturi bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 735 W, ġeneraturi DC
8501 33	Muturi bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 150 kW u ġeneraturi
8501 34 92, 8501 34 98	Ġeneraturi
8501 51	Bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 735 W
8501 53	Bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 150 kW
8516 80 20	Immuntati biss b'bobbina sempliċi iżolata u konnessjonijiet elettriċi, użati għal kontra s-silġ jew għat-tneħħija tas-silġ
8517 69 31, 8517 69 39	Għal radjo-telefonija jew għal radjo telegrafija
8517 12, 8517 61, 8517 62, 8517 69 90	Apparat radjo-telegrafiku jew radjo-telefoniku
8522 90	Immuntar u sub-immuntar b'żewġ b'ċeġġec jew partijiet jew aktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat ta' subtitlu 8520 90
8529 90	Immuntar u sub-immuntar magħmulin minn biċtejn jew żewġ partijiet jew aktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat ta' titli 8526
8543 70 90	Reġistraturi ta' titjiriet, synchros u transducers elettriċi, defrostaturi u demisters b'resistors elettriċi
8543 90	Immuntar u sub-immuntar magħmulin minn żewġ b'ċeġġec jew partijiet jew aktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għar-reġistraturi ta' titjir
8803 90 90	Inklużi l-glajders
9014 90	Ta' strumenti ta' subtitli 9014 10 jew 9014 20
9020 00	Partijiet esklużi
9029 10	Apparat għal kejl ta' dawran ta' l-elettriku jew elettroniku
9029 90	Apparat għal kejl ta' dawran, indikaturi ta' veloċità u takometri
9031 90	Tas-subtitlu 9031 80
9109 19, 9109 90	Ta' wisgħa jew dijametru mhux aktar minn 50 mm
9401 10	Mhux miksiġin bil-ġilda
9405 10, 9405 60	Ta' metall ta' valur baxx jew ta' plastiks
9405 92, 9405 99	B'ċeġġec mill-oġġetti ta' subtitlu 9405 10 jew 9405 60

6. Il-prodotti li jidhru fil-paragrafu 5 huma integrati fit-TARIC skond is-subtitli, b'nota ta' qiegħ il-paġna kif ġej, "Dħul taħt din is-subtitlu kif soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1) u emendi sussegwenti)".

C. Prodotti Farmaċewtiċi

1. Ħelsien minn dazju tad-dwana huwa maħsub għal prodotti farmaċewtiċi tal-kategoriji li ġejjin:

- (1) sustanzi farmaċewtiċi koperti mill-CAS RN (*chemical abstracts service registry numbers*) u mill-*international non-proprietary names* (INNs) elenkati fl-Anness 3;
- (2) melħ, esteri u idrati ta' INNs li jistgħu jkunu deskritti billi jkunu kombinati INNs ta' l-Anness 3 ma' prefissi jew suffissi ta' l-Anness 4, sakemm prodotti bħal dawn jistgħu jkunu klassifikati fl-istess titlu SA b'6 numri bħall-INN rilevanti;
- (3) melħ, esteri u idrati ta' INNs li huma elenkati fl-Anness 5 u li m'humiex klassifikabbli fl-istess titlu SA b'6 numri bħall-INNs korrispondenti;
- (4) intermedji farmaċewtiċi, jiġifieri taħlit użat fil-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi lesti li huma koperti mill-CAS RN u l-ismijiet kimiċi, elenkati fl-Anness 6.

2. Każijiet speċjali:

- (1) INNs ikopru biss dawk is-sustanzi mfissra fil-listi ta' INNs rakkomandati u proposti ppublikati mill-Għaqda Dinjija għas-Saħħa (WHO). Fejn in-numru ta' sustanzi koperti minn INN huwa inqas minn dak kopert miċ-CAS RN, dawk is-sustanzi koperti mill-INN biss għandhom ikunu suġġetti għal trattament mingħajr dazju;
- (2) fejn prodott ta' l-Anness 3 jew l-Anness 6 ikun identifikat minn CAS RN jikkorrispondi għal *isomer* speċifiku, dak l-*isomer* biss jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju.
- (3) derivattivi doppji (melħ, esteri u idrati) ta' INNs identifikati permezz ta' għaqda ta' INN ta' l-Anness 3 ma' prefiss jew suffiss ta' l-Anness 4 jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju, sakemm huma jkunu klassifikabbli fl-istess titlu HS b'sitt numri bħall-INN rilevanti:

eżempju: ester ta' l-analina metil, idrokloru;

- (4) fejn INN ta' l-Anness 3 huwa melħ (jew ester), l-ebda melħ (jew ester) ieħor ta' l-aċidu li jikkorrispondi ma' l-INN ma jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju:

eżempju: potassju oxprenoa (INN): mingħajr dazju

sodju oxprenoa: mhuwiex bla dazju.

D. Rata standard ta' dazju

1. Dazju tad-dwana għandu jitħallas bir-rata fissa ta' 3,5 % *ad valorem* fuq oġġetti:

- li jkunu f'kunsinni mibgħutin minn individwu privat lil ieħor, jew
- li jkunu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi,

sakemm dawn l-importazzjonijiet ma jkunux ta' natura kummerċjali.

Din ir-rata fissa ta' 3,5 % dazju tad-dwana għandha tapplika sakemm il-valur ta' l-oġġetti suġġetti għal dazji ta' importazzjoni ma jaqbiżx € 350 għal kull kunsinna jew għal kull vjaġġatur.

Stima ta' rata fissa bħal din m'għandhiex tapplika għal oġġetti li jaqgħu taħt Kapitlu 24 li jkunu f'kunsinna jew fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi f'ammonti li jaqbiżu dawk stipulati fl-Artiklu 31 jew fl-Artiklu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 ⁽¹⁾

2. Importazzjonijiet għandhom jitqiesu li m'humiex ta' natura kummerċjali jekk:

(a) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'kunsinni mibgħutin minn individwu privat lil ieħor, kunsinni bħal dawn:

- ikunu ta' natura okkażjonali,
- ikun fihom oġġetti esklużivament għall-użu personali tad-destinatarju jew tal-familja tiegħu, li bin-natura jew kwantità tagħhom ma jirriflettu l-ebda interess kummerċjali,
- jintbagħtu lid-destinatarju mill-kunsinnatarju mingħajr hłas ta' kwalunkwe tip;

(b) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'bagalji personali ta' vjaġġaturi, huma:

- jkunu ta' natura okkażjonali u
- jikkonsistu esklużivament minn oġġetti għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom, jew minn oġġetti maħsubin bħala rigali; in-natura u l-kwantità ta' oġġetti bħal dawn m'għandhomx ikunu tali li jistgħu jindikaw li huma qed ikunu importati għal raġunijiet kummerċjali.

3. Ir-rata fissa ta' dazju tad-dwana m'għandhiex tapplika għal oġġetti importati taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 jekk il-persuna intitolata, qabel ma r-rata fissa msemija għet applikata għalihom, talbet biex huma jkunu suġġetti għal dazji tad-dwana kif suppost. L-oġġetti kollha li jiffurmaw il-kunsinna għandhom imbagħad ikunu suġġetti għad-dazji ta' l-importazzjoni kif suppost, mingħajr preġudizzju għad-dħul mingħajr dazju maħsub skond l-Artiklu 29 sa 31 u 45 sa 49 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83.

Għall-għanijiet ta' l-ewwel subparagrafu, dazji ta' l-importazzjoni għandhom ifissru kemm dazji tad-dwana u taxxi li għandhom effett ekwivalenti u taxxi oħrajn ta' importazzjoni maħsubin skond il-politika komuni agrikola jew skond arranġamenti speċifiċi applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

4. Pajjiżi Membri mhux parteċipanti jistgħu jqarrbu għall-eqreb ammont f'munita nazzjonali li jirriżulta mill-konverżjoni tas-somma ta' € 350.

5. Pajjiżi Membri mhux parteċipanti jistgħu jżommu mhux mibdul f'munita nazzjonali l-ekwivalenti tas-somma ta' € 350 jekk, fil-mument ta' l-aġġustament annwali maħsub f' Artiklu 18(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel it-taqrib stipulat fil-paragrafu 4, jirriżulta f'bidla ta' inqas minn 5 % fl-ekwivalent f'munita nazzjonali, jew fi tnaqqis ta' dan.

⁽¹⁾ ĠU L 105, 23.4.1983, p. 1. Kif l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1671/2000 (ĠU L 193, 29.7.2000).

E. Kontenituri u materjali ta' ippakkjar

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma applikabbli għall-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar imsemmijin fir-regola ġenerali interpretattiva 5(a) u (b) u mqegħdin fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-istess ħin bħall-oġġetti li huma jkollhom fihom jew li magħhom huma jkunu preżentati.

1. Meta l-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar ikunu klassifikati ma' l-oġġetti skond id-dispożizzjonijiet tar-regola ġenerali interpretattiva 5, huma għandhom:
 - (a) iħallsu l-istess rata ta' dazju tad-dwana bħall-oġġetti:
 - fejn oġġetti bħal dawn huma suġġetti għal dazju tad-dwana *ad valorem*, jew
 - fejn huma għandhom ikunu inklużi fil-piż taxxabli ta' l-oġġetti;
 - (b) imdaħħlin mingħajr dazji tad-dwana:
 - fejn l-oġġetti jkunu mingħajr dazju tad-dwana, jew
 - fejn l-oġġetti huma taxxabli mod ieħor ħlief b'referenza għall-piż jew għall-valur, jew
 - fejn il-piż tal-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar m'għandux ikun inkluż fil-piż taxxabli ta' l-oġġetti.
2. Fejn il-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar koperti mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (a) u (b) ikun fihom jew ikunu preżentati flimkien ma' oġġetti ta' diversi deskrizzjonijiet tat-tariffa, il-piż u l-valur tal-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar għandhom, bil-għan li jkun determinat il-piż jew il-valur taxxabli tagħhom, jitqassmu fost l-oġġetti kollha ta' ġewwa, bi proporzjon mal-piż jew mal-valur ta' daww l-oġġetti.

F. Trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura ta' l-oġġetti

1. Taħt ċerti kondizzjonijiet, trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura ta' l-oġġetti huwa maħsub għal:
 - oġġetti mhux tajbin għall-konsum,
 - żrieragħ,
 - drapp tal-pezza, mhux maħdum,
 - ċerti tipi ta' għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat.

Dawn l-oġġetti huma koperti b'subtitli ⁽¹⁾ b'referenza fil-qiegħ f'dawn it-termini: "Dħul taħt dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fit-Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari."

2. Oġġetti mhux tajbin għall-konsum li għalihom jingħata trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tagħhom huma elenkati fl-Anness 8 b'referenza għat-titlu li taħtu huma klassifikati flimkien mad-deskrizzjoni u l-kwantitajiet tad-denaturanti użati. Oġġetti bħal dawn jitqiesu li m'humiex tajbin għall-konsum meta l-oġġetti li għandhom ikunu denaturati u id-denaturanti jkunu mħalltin b'mod omoġenju u s-separazzjoni tagħhom m'hijiex ekonomikament vijabbli.

⁽¹⁾ Is-subintestaturi konċernati huma: 0408 11 20, 0408 19 20, 0408 91 20, 0408 99 20, 0701 10 00, 0712 90 11, 0806 10 10, 1001 90 10, 1005 10 11, 1005 10 13, 1005 10 15, 1005 10 19, 1006 10 10, 1007 00 10, 1106 20 10, 1201 00 10, 1202 10 10, 1204 00 10, 1205 10 10, 1206 00 10, 1207 20 10, 1207 40 10, 1207 50 10, 1207 91 10, 1207 99 15, 2401 10 10, 2401 10 20, 2401 10 30, 2401 10 41, 2401 10 49, 2401 20 10, 2401 20 20, 2401 20 30, 2401 20 41, 2401 20 49, 2501 00 51, 3102 50 10, 3105 90 10, 3502 11 10, 3502 19 10, 3502 20 10, 3502 90 20, 5911 20 00.

3. L-oġġetti elenkati hawn taħt għandhom ikunu klassifikati fit-titli xierqa għal żerriegħa jew għal żriegħ, sakemm l-oġġetti huma konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità:

- għall-qamħ ħelu, *spelt*, qamħirrun ibridu, ross u sorgu (Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ⁽¹⁾);
- għall-patata taż-żriegħ (Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ⁽²⁾);
- għal żerriegħa żejtnija u frott żejtni (Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ⁽³⁾).

Meta qamħ ħelu ibridu, *spelt*, qamħirrun ibridu, ross, sorgu ibridu jew żerriegħa żejtnija u frott żejtni huma ta' tip li għalih ma japplikawx id-dispożizzjonijiet agrikoli, għandu jingħata trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tagħhom, sakemm ikun stabbilit li l-oġġetti huma attwalment intiżi għal żriegħ.

4. Drapp tal-pezza, mhux maħdum, għandu jingħata trattament favorevoli ta' tariffa bil-kondizzjoni li l-oġġetti jkunu mmarkati b'mod li ma jitħassarx b'manjera li tidentifikahom li huma ntiżi għal pezez jew għal għanijiet simili industrijali.
5. Għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat jingħataw trattament favorevoli ta' tariffa meta jkun preżentat ċertifikat awtentikat kif suppost. Id-dispożizzjonijiet partikolari li għandhom jiġu applikati u l-mudelli taċ-ċertifikati jinsabu f'Anness 9.

⁽¹⁾ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/55/KE (ĠU L 159, 13.6.2006, p. 13).

⁽²⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/908/KE (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 37)

⁽³⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE (ĠU L 14, 18.1.2005, p. 18).

SINJALI, ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI

★	Tirreferi għal numri ġodda tal-kodiċi
■	Tirreferi għal numri tal-kodiċi użati s-sena ta' qabel iżda jkopru oġġetti differenti
AD F/M	Dazju żejjed fuq id-dqiq
AD S/Z	Dazju żejjed fuq iz-zokkor
b/f	Flixkun <i>flask</i>
ċm/s	Ċentimetru/i fis-sekonda
EA	Komponent agrikolu
€	Ewro
SNN	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju
PSNM	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju Modifikat
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
Kbit	1 024 bits
kg/br	Kilogramm, gross
kg/netti	Kilogramm, nett
kg/netti eda	Kilogramm piż nett xott
kg/netti mas	Kilogramm, nett ta' materjal xott
MAX	Massimu
Mbit	1 048 576 bits
MIN	Minimu
ml/g	Millilitru/i kull gramma
mm/s	Millimetru/i fis-sekonda
RON	Numru Ottan ta' Riċerka (<i>Research octane number</i>)

Nota:

Numru ta' titlu mqiegħed bejn parentesi kwadri fil-kolonna 1 ta' l-Iskeda tad-Dazji tad-Dwana jindika li t-titlu kien imħassar (per eżempju, t-titlu [1519]).

UNITAJIET SUPPLIMENTARI

c/k	Karati (1 karat metriku = 2×10^{-4} kg)
ċe/el	Numru ta' ċelluli
ċt/l	Kapaċità ta' ġarr ftunellati ⁽¹⁾
g	Gramm
gi F/S	Gramm ta' isotopi fissili
GT	Tunellaġġ gross
kg C ₅ H ₁₄ ClNO	Kilogramm klorur tal-kolin
kg H ₂ O ₂	Kilogramm perossidu ta' l-idroġenu
kg K ₂ O	Kilogramm ossidu tal-potassju
kg KOH	Kilogramm idrossidu tal-potassju (potassju kawstiku)
kg met.am.	Kilogramm metilamini
kg N	Kilogramm nitroġenu
kg NaOH	Kilogramm idrossidu tas-sodju (soda kawstika)
kg/net eda	Kilogramm piż nett xott
kg P ₂ O ₅	Kilogramm ta' pentaossidu difosforu
kg 90 % sdt	Kilogramm ta' sustanza 90 % zotta
kg U	Kilogramm ta' uranju
1 000 kWh	1 000 kilowatt — sighet
l	Litru
1 000 l	1 000 Litri
l alc. 100 %	Litru alkoħol pur (100 %)
m	Metru
m ²	Metru kwadru
m ³	Metru kubu
1 000 m ³	1 000 metru kubu
pa	Għadd ta' pari
p/st	Għadd ta' oġġetti
100 p/st	Mitt oġġett
1 000 p/st	Elf oġġett
TJ	Terajoule (valur kalorifiku gross)

⁽¹⁾ "Kapaċità ta' ġarr ftunellati" (ct/l) tfisser il-kapaċità ta' ġarr ta' bastiment espressa ftunellati, mingħajr ma tinkludi l-imħażen tal-vapur (karburant, tagħmir, provvisti ta' ikel, eċċ.). Persuni li jkunu jinġarru abbord (ekwipaġġ u passiġġieri) u l-valiġġa tagħhom huma esklużi ukoll.

IT-TIENI PARTI

SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA

TAQSIMA I

ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI MINN ANNIMALI

Noti

1. Kwalunkwe referenza f'din it taqsima għal ġeneru jew speċi partikolari ta' animal, ħlief fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, tinkludi referenza għall-frieħ ta' dak il-ġeneru jew ta' dik l-ispeċi.
2. Ħlief fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, tul in-nomenklatura kwalunkwe referenza għal prodotti "mnixxfen" tkopri ukoll prodotti li kienu ddeidrati, evaporati jew iffriżati u mnixxfen (*freeze-dried*).

KAPITLU 1

ANNIMALI ĦAJJIN

Nota

1. Dan il-kapitlu jkopri animali ħajjin kollha, ħlief:
 - (a) ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akwatiċi oħrajn, ta' titlu 0301, 0306 jew 0307;
 - (b) kulturi ta' mikro-organiżmi u prodotti oħrajn ta' titlu 3002; u
 - (ċ) animal ta' titlu 9508.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
0101	Żwiemel, ħmir, bġhula u bġhula tar-rkib:		
0101 10	– Animali ta' razza pura għar-razza:		
0101 10 10	– – Żwiemel ⁽¹⁾	B'xejn	p/st
0101 10 90	– – Oħrajn	7,7	p/st
0101 90	– Oħrajn:		
	– – Żwiemel:		
0101 90 11	– – – Għall-qtil ⁽²⁾	B'xejn	p/st
0101 90 19	– – – Oħrajn	11,5	p/st
0101 90 30	– – Ħmir	7,7	p/st
0101 90 90	– – Bġhula u bġhula tar-rkib	10,9	p/st
0102	Animali ta' l-ifrat ħajjin:		
0102 10	– Animali ta' razza pura għar-razza ⁽³⁾:		
0102 10 10	– – Għoġiela (animali ta' l-ifrat nisa li qatt ma welldu)	B'xejn	p/st
0102 10 30	– – Baqar	B'xejn	p/st
0102 10 90	– – Oħrajn	B'xejn	p/st

(1) Dħul taħt dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Komunità rilevanti (ara Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66); deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE (ĠU L 298, 3.12.1993, p. 45)).

(2) Dħul taħt dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Komunità rilevanti (ara Artikli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1) u tibdiliet sussegwenti).

(3) Dħul taħt dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Komunità rilevanti (ara Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE (ĠU L 206, 12.8.1977, p. 8); Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2342/92 (ĠU L 227, 11.8.1992, p. 12); Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66); Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
0102 90	– Oħrajn:		
	– – Speċi domestiċi:		
0102 90 05	– – – Ta' piż li ma jaqbiżx 80 kg	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	– – – Ta' piż li jaqbeż 80 kg iżda li ma jaqbiżx 160 kg:		
0102 90 21	– – – – Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 90 29	– – – – Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	– – – Ta' piż li jaqbeż 160 kg iżda li ma jaqbiżx 300 kg:		
0102 90 41	– – – – Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 90 49	– – – – Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	– – – Ta' piż li jaqbeż 300 kg:		
	– – – – Għoġiela (animali ta' l-ifrat nisa li qatt ma welldu):		
0102 90 51	– – – – – Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 90 59	– – – – – Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	– – – – Baqar:		
0102 90 61	– – – – – Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 90 69	– – – – – Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	– – – – Oħrajn:		
0102 90 71	– – – – – Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 90 79	– – – – – Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
0102 90 90	– – Oħrajn	B'xejn	p/st
0103	Majjali Ħajjin:		
0103 10 00	– Animali ta' razza pura għar-razza ⁽²⁾	B'xejn	p/st
	– Oħrajn:		
0103 91	– – Li jiżnu inqas minn 50 kg:		
0103 91 10	– – – Speċi domestiċi	41,2 €/100 kg/net	p/st
0103 91 90	– – – Oħrajn	B'xejn	p/st

⁽¹⁾ Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*): ara Anness 7.

⁽²⁾ Dħul taħt dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Komunità rilevanti (ara Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE (ĠU L 382, 31.12.1988, p. 36); Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66); Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
0103 92	-- Li jiżnu 50 kg jew iżjed:		
	-- -- Speċi domestiċi:		
0103 92 11	-- -- -- Majjali nisa li jkunu ferrgħu għallinqas darba, ta' piż mhux inqas minn 160 kg ...	35,1 €/100 kg/net	p/st
0103 92 19	-- -- -- Oħrajn	41,2 €/100 kg/net	p/st
0103 92 90	-- -- -- Oħrajn	B'xejn	p/st
0104	Mogħoż u nagħaġ ħajjin:		
0104 10	-- Ngħaġ:		
0104 10 10	-- -- Annimali ta' razza pura għar-razza ⁽¹⁾	B'xejn	p/st
	-- -- Oħrajn:		
0104 10 30	-- -- -- Ħrief (li ma jkollhomx iżjed minn sena)	80,5 €/100 kg/net ⁽²⁾	p/st
0104 10 80	-- -- -- Oħrajn	80,5 €/100 kg/net ⁽²⁾	p/st
0104 20	-- Mogħoż:		
0104 20 10	-- -- Annimali ta' razza pura għar-razza ⁽¹⁾	3,2	p/st
0104 20 90	-- -- -- Oħrajn	80,5 €/100 kg/net ⁽²⁾	p/st
0105	Tjur ħajjin, jiġifieri, tjur ta' l-ispeċi <i>Gallus domesticus</i>, papri, wiżż, dundjani u farawni:		
	-- Li ma jiżnux iżjed minn 185 g:		
0105 11	-- Tjur ta' l-ispeċi <i>Gallus domesticus</i>:		
	-- -- Flieles nisa nanniet u ġenituri:		
0105 11 11	-- -- -- Irjus għall-bajd	52 €/1 000 p/st	p/st
0105 11 19	-- -- -- Oħrajn	52 €/1 000 p/st	p/st
	-- -- -- Oħrajn:		
0105 11 91	-- -- -- Irjus għall-bajd	52 €/1 000 p/st	p/st
0105 11 99	-- -- -- Oħrajn	52 €/1 000 p/st	p/st
0105 12 00	-- -- Dundjani	152 €/1 000 p/st	p/st
0105 19	-- Oħrajn:		
0105 19 20	-- -- Wiżż	152 €/1 000 p/st	p/st
0105 19 90	-- -- Papri u farawni	52 €/1 000 p/st	p/st

⁽¹⁾ Dħul taħt dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Komunità rilevanti (ara Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEE (ĠU L 153, 6.6.1989, p. 30); Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66); Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/96 (ĠU L 118, 15.5.1996, p. 12); Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

⁽²⁾ Kwota tat-tariffa WTO (Għaqda Dinjija għall-Kummerċ): ara Anness 7.

